Kont. KLR 41/V/2008

Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 9 ta Diċembru 2008 fis-7.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:- Is-Sindku, Robert Tabone, l-membri Joseph Debrincat, Josef Schembri, Josephine Cassar, Marcel Tabone u Michel Buttġieġ u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- Il-Viċi Sindku Victor Galea Pace.

**1. Laqgħa mas-sidien tal-Ħwienet tax-Xorb rigward l-attivita' tal-Aħħar tas-Sena**

Saret laqgħa mas-sidien tal-ħwienet tax-xorb ta' Pjazza Indipendenza rigward l-attivita' ta' lejliet l-aħħar tas-sena. Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Kunsill qabel li l-attivita' issir bir-reklami li nġabru. Il-ħlas li ser iħallsu s-sidien tal-ħwienet hu dak bħal tas-sena l-oħra, jiġifieri ta' Pjazza Indipendenza €291, ta' Pjazza San Ġorġ €174 u ta' Triq Sir Adrian Dingli €116.

**2. Laqgħa mal-Prim Ministru**

Is-Sindku ta' rendikont dwar il-laqgħa qasira li saret mal-Prim Ministru fil-bini amminstrattiv tal-Kunsill nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru lill-Kunsilliera li ma setgħux jattendu. Hu spjega li fid-diskors ta' merħba tiegħu hu rringrazzja lill-Prim Ministru taż-żjara tiegħu u ġibidlu l-attenzjoni fuq tlett materji li l-Kunsill ilu jistinka dwarhom u li għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni finali fuqhom. Dawn huma id-devoluzzjoni tal-*playing field* fi Triq ta' Taħt Putirjal, id-devoluzzjoni tal-Banca Giuratale u l-għajnuna mitluba mill-Kunsill lill-Gvern għal proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza San Ġorġ.

Il-Prim Ministru kkonferma li qiegħed isegwi mill-qrib l-iżviluppi dwar dawn it-tlett talbiet u li kien fiduċjuż li kellhom jittieħdu d-deċiżjonijiet neċessarji f'qasir żmien.

Il-Kunsill filwaqt li apprezza il-pożizzjoni tal-Prim Ministru, pero' kien qiegħed jittama li jirċievi risposti iktar ċari u konkreti, speċjalment rigward il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ minħabba li dan il-proġett diġa inbeda. Kien hemm qbil biex is-Sindku jibqa' jsus wara l-Prim Ministru biex bl-iqsar żmien possibbli jirċievi b'mod uffiċjali u bil-miktub konferma mill-Gvern ta' għajnuna finanzjarja għal proġett ta' Pjazza San Ġorġ.

## 3. Korripsondenza

Tressqet korripsondenza mingħand:-

l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) fejn inħareġ il-permess:-
3.1 għall-*cycle racks* jew *bollards* fil-parkeġġ ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex;

3.2 biex fit-Telgħa tal-Belt quddim iċ-ċinema ssir tabella biex ma jipparkjawx vetturi tqal, isiru *double yellow lines* quddiem Trionfi House kantuneira ma Triq il-Kastell u biex jiżdiedu żewġ parkeġġi fit-Telgħa tal-Belt;

3.3 biex isir parkeġġ għall-*un/loading* quddiem il-ħanut ta' Salvu Debono fi Triq Fortunato Mizzi;

3.4 biex isir *keep clear* u *un/loading* quddiem Downtotwn Hotel fi Triq l-Ewropa;

3.5 biex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita ta' Antonia Mercieca, 75, Triq Enriko Mizzi. Din għal sena;

3.6 biex issir *keep clear* maġenb iċ-Ċentru Rgħaj it-Tajjeb fejn hemm l-aċċess għall-*wheel chairs*;

3.7 biex isiru *road humps* fit-triq ta' bejn il-*Bus Terminus* u l-*palying field* fi Triq ta' Taħt Putirjal;

3.8 biex issir *area* ta' Żona A fit-triq ġdida ta' wara The Duke, wara l-grawnd Leli Farruġia. Il-membri qablu li fit-triq li mill-parkeġġ il-kbir tagħti għal wara tat-Teatru Aurora jsiru *double yellow lines* minħabba li qed ikun hemm konfużjoni. Ser jintalab il-permess ta' l-ADT.

3.9 l-ADT ma ħarġitx il-permess biex issir *un/loading* quddiem ħanut ta' 22, Triq Sir Luiġi Camilleri.

il-MEPA rigward:-

3.10 sit fi Triq Ġuże' Cremona kantuniera ma Triq il-31 ta' Marzu 1979, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li nħareġ *enforcement notice* biex jittella l-ħajt kif mitlub mill-liġi;

3.11 sit fi Triq Mons. Luiġi Vella fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sit in kwistjoni mhux aċċessibli għall-pubbliku u hemm applikazzjoni tal-MEPA li għada pendenti;

3.12 sit fi Triq Aniċi kantuniera ma Triq il-Mitħna fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li mill-ispezzjoni li saret ma jidhirx li qed jintefa skart li qed ikerrah l-ambjnet u għalhekk ma tteħditx azzjoni ta' nfurzar.

3.13 il-Perit Edward Scerri rigward xogħol li sar fit-tiswija tal-gandott f'parti minn Triq Vajrinġa. Billi f'partijiet minnu qed jinżamm l-ilma, il-Perit issuġġerixxa li dawn il-partijiet jerġgħu jitqaxxru u jinksew mill-ġdid. Dwar il-ħajt tas-seħħjieħ li qed jiksi d-diżlivell li hemm fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex il-Perit semma d-difetti li fih u jrid jinqala' sabiex jinbena kif suppost. Dan ta' l-aħħar kien sar minn naħħa tal-Gvern Ċentrali;

3.14 il-familji Scicluna, Grech u Farruġia li joqgħodu fi Triq il-Kapuċċini fejn jiżbokka l-*water culvert* li sar mit-Tielet Kunsill. Dan jiġbor l-ilma minn tarf Triq Mro. Ġiużeppe Ġiardini Vella. Dawn ilmentaw li minħabba l-*culvert* li sar, l-ilma tax-xita mhux jinfirex matul il-wisa' tat-triq kollha, imma qed jiżbokka b'mod qawwi quddiem id-djar ta' dawn ir-residenti. Bil-konsegwenza wkoll li l-livell ta' l-ilma jgħola u l-btieħi ta' dawn id-djar jimtlew bl-ilma li jmur fid-djar. Il-membri qablu li jittieħed il-parir tal-Perit;

3.15 sid il-kumpnaija Tasika Ltd. li talab li jkollu l-permess ta' Żona A għall-vetturi li tuża din il-kumpanija u għall-vetturi l-oħra tal-kumpanija. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob kopja tal-*log book* ta' kull vettura u mbgħad jiġi deċiż jekk dawn humiex elliġibli li jinħarġilhom il-permess biex jipparkjaw f'Żona A mingħajr restrizzjonijiet;

3.16 l-Moviment ta' Kana rigwarad il-konkors 'Familja Qalb tad-Deheb 2008';

3.17 l-Helping Hands Group u Għaqda Bandisti Żgħażagħ La Stella. Dawn kollha talbu xi forma ta' għajuna mingħand il-Kunsill biex ikopru spejjes fuq l-attivitajiet jew xogħol li ser jagħmlu. Il-membri ma qablux li dawn it-talbiet jiġu aċċettati peress li jmorru kontra r-regolamneti ta' l-Att dwar il-Kunsill Lokali;

3.18 pubblikazzjoni ta' kotba minn Joe Camilleri u Kan. Joe Meilaq. Il-Kunsill qabel li jixtri numru ta' kotba ta' dawn il-kittieba Rabtin pero' mhux qabel tiġi riżolta il-problema finanzjarja preżenti tal-Kunsill;

3.19 l-Kap ta' l-iskola primarja tar-Rabat, Sir Arturo Mercieca. Il-membri qablu li l-Kunsill jikteb il-messaġġ tiegħu fil-fuljett annwali ta' din l-iskola;

3.20 Joseph Bonello li hu nkarigat mid-Dipartiment ta' l-Agrikultura fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex. Il-Kunsill ġie mgħarraf li minn naħħa tad-Dipartiment mhux ser ineħħu l-balluta li tinsab quddiem *drive-in* fi Triq Salvaotre Psaila. Sid id-*drive-in* irid jikteb lill-Kunsill fejn iressaq ir-raġunijiet għaliex qed jissuġġerixxi li din is-siġra titneħħa u mbgħad jekk il-Kunsill jaqbel trid issir applikazzjoni mal-MEPA;

3.21 l-Leġjun ta' Marija fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fl-attivita' li ser issir fil-Katidral nhar is-17 ta' Diċembru 2008 fis-7.00pm ta' filgħaxija;

3.21 Paul Buttiġieġ MNS mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex irringrazja lill-Kunsill talli organiżża attivita' lill-anzjani residenti f'dan l-isptar.

## 4. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

4.1 jinħarġu l-permessi ta' *one-day event* lill-Arkadia sabiex isiru attivitajiet fis-6, 7, 8, 10, 11, 12, 13, 14, 20 u 21 ta' Diċembru 2008 fil-parkeġġ ta' biswit dan il-kumpless;

4.2 l-binja li hemm abbanduanta fi Triq Fortunato Mizzi kantuniera ma Triq Viani tiġi rrappurtata lid-Dipatiment tas-Sigurta u s-Saħħa minħabba l-fatt li qed jintefa l-iskart u tinsab fi stat ta' periklu;

4.4 jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex isiru żewġ parkeġġi riżervati għall-Arċiprieti, tal-Katidral fi Triq Palma u ta' San Ġorġ fi Pjazzetta Patri Akkursju Xerri;

4.6 tintalab l-għajnuna ta' l-Avukat sabiex titħejja *bye-law* li tkun *ad hoc* għal-ħwienet tar-Rabat fir-rigward tal-ħruġ tal-merċa fuq il-bankini;

4.7 jintalab lill-Perit sabiex iħejji l-pjanti biex isiru parkeġġi fit-Toroq Karlu Galea u Kunsill Ċiviku;

Is-Seg. Eżekuttiva għarrfet lill-preżenti li:-

4.8 nħareġ permezss għall-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet ta' Daniel Pace għan-nom ta' Eldorado Restaruant fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Dan bejn l-10 u l-25 ta' Diċembru 2008;

4.9 ġiet sottomessa l-applikazzjoni sabiex jinġabu fondi mill-EACEA – Education, Audiovisual & Cultrual Executive Agency sabiex ikun jista' jiġi finazjat it-tieni parti tal-ġemellaġġ ma Nichelino meta l-ftheim jiġi ffirmat f'Għawdex;

4.10 Frank Tabone iffirma sabiex tiġi restawrata in-niċċa ta' Kristu Re li hemm fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar. Is-Sindku qal li sid id-dar ta' fejn hemm in-niċċa tal-Madonna ta' Loretu fi Pjazza San Ġorġ talbitu sabiex il-Kunsill jagħmilha bil-miktub li wara li jirrestawra din in-niċċa sid din id-dar tibqa' sid in-niċċa kif hi fil-preżenti. Il-membri qablu ma dan u għandu jintalab lill-Avukat tal-Kunsill sabiex tipprepara ittra fejn tintbgħat lis-sidien li jaċċettaw li l-Kunsill jirrestawra in-niċċeċ li jkunu jmissu mad-djar tagħhom;

4.11 mill-*file* ta' l-egħluq għat traffiku tat-toroq Dun Karl Bondi u Aġius De Soldanis jirriżulta li l-permess tal-Bord Għall-Kontroll tat-Traffiku li nħareġ fl-10 ta' Mejju 1999 jgħid hekk:- *"No Entry, Except for Un/Loading Mon-Sat, 12.00-16.00, By All Commercial Vehicels";*

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgaħxija u laqgħa oħra ser issir

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |